



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 23 ta' Novembru 2020
(OR. en)

13242/1/20
REV 1

ECOFIN 1083
ENV 735
CLIMA 306
FIN 888

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima, kif adottata permezz ta' proċedura bil-miktub fit-23 ta' Novembru 2020.

Dikjarazzjoni tal-Kunsill dwar il-Finanzjament Internazzjonali għall-Klima

Filwaqt li l-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal konsegwenzi għas-saħħa, soċjali u ekonomiċi serji b'impatti fit-tul mhux magħrufa, il-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima ser tibqa' sfida sinifikanti fiha nnifisha. Għalhekk, aħna - l-UE u l-Istati Membri tagħha - nibqgħu impenjati bis-siġerija biex nilħqu l-oġettivi tal-Ftehim ta' Pariġi. Il-Kunsill Ewropew adotta l-oġettiv ta' UE newtrali għall-klima sal-2050 u qed insaħħu bil-qawwa l-ambizzjoni ġenerali tagħna għall-2030.

Filwaqt li jibnu fuq iż-żieda kontinwa tas-snin preċedenti, l-UE u l-Istati Membri tagħha huma impenjati li jkomplu jżidu l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament internazzjonali għall-klima. Dan ser isir b'hekk li jkollu parti mill-għan kollettiv tal-pajjiżi żviluppati li sal-2020 ikunu mmobilizzaw b'mod konġunt 100 biljun dollaru Amerikan kull sena u li jibqgħu għaddejjin sal-2025 għal skopijiet ta' mitigazzjoni u adattament ("l-għan tal-finanzjament għall-klima") minn varjetà wiesgħa ta' sorsi, strumenti u mezzi fil-kuntest ta' azzjonijiet ta' mitigazzjoni sinifikanti u trasparenza dwar l-implimentazzjoni. Kien hemm żieda kostanti fil-kontribuzzjonijiet pubbliċi. Aħna nibqgħu l-akbar kontributur tal-finanzjament pubbliku għall-klima għall-pajjiżi fil-fażi tal-iżvilupp, wara li tajna kontribuzzjoni ta' madwar EUR 22 biljun fl-2019 u filwaqt li aktar milli rduppajna l-kontribuzzjoni tagħna mill-2013¹. F'dan il-kuntest, nagħrfu l-importanza ta' twettiq b'suċċess tal-għan tal-finanzjament għall-klima fit-tnejn tal-COP 26. Inħeġġu lil pajjiżi żviluppati oħra biex iżidu l-kontribuzzjoni tagħhom ta' finanzjament għall-klima, u nissottolinjaw l-importanza li tiġi vvalutata l-effettività tal-finanzjament ipprovdut.

¹ <https://www.consilium.europa.eu/en/press/press-releases/2020/10/29/climate-finance-eu-and-member-states-contributions-continued-to-increase-in-2019/> FI-2019, ir-Renju Unit ipprovdha EUR 1.3 biljun f'finanzjament għall-klima.

Il-pandemija tal-COVID-19 wasslet għal sfidi serji ta' saħħa, finanzjarji u ekonomiċi. Fl-istess ħin, l-irkupru mill-pandemija joffri l-opportunità ta' bini mill-ġdid b'mod aħjar u b'mod aktar sostenibbli billi jiġi applikat il-prinċipju "tagħmel l-ebda ħsara", billi jiġu mħaddna politiki pubbliċi favorevoli għall-azzjoni klimatika bħall-ipprezzar tal-karbonju, billi jitneħħew gradwalment is-sussidji li jagħmlu ħsara lill-ambjent u ekonomikament ineffiċjenti u billi ssir bidla lejn investimenti sostenibbli. Kemm jirnexxu l-gvernijiet f'dawn l-isforzi ser jiddetermina wkoll il-pass tat-tranżizzjoni lejn l-għanijiet tal-Ftehim ta' Pariġi u l-Aġenda 2030 tan-NU f'konformità mal-istrateġiji u l-kapaċitajiet ekonomiċi u finanzjarji tal-pajjiżi, filwaqt li jiġi żgurat l-impenn kontinwu biex jiġi pprovdut il-finanzjament għall-klima.

Aħna ser nibqgħu fuq quddiem nett tal-isforzi biex nippermettu u naċċelleraw it-tranżizzjoni ekoloġika. Dan jeħtieġ l-allinjament tal-flussi finanzjarji kollha, inkluż l-appoġġ internazzjonali, l-istimuli ta' rkupru u l-investiment privat f'konformità ma' perkors b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra, reżiljenti għat-tibdil fil-klima, effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u sostenibbli. F'dan il-kuntest, mill-inqas 37 % tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza bħala parti minn NextGenerationEU (NGEU) ser jintefaq direttament fuq oġġettivi relatati mal-klima. Mira klimatika globali ta' 30 % ser tapplika għall-ammont totali tan-nefqa mill-Qafas Finanzjarju Pluriennali u l-NGEU. Dan ser ikun rifless b'mod xieraq permezz ta' miri fil-leġislazzjoni settorjali, eż. għall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali tal-UE.

Aħna nappellaw lill-istituzzjonijiet finanzjarji nazzjonali, reġjonali u multilaterali kollha biex ikomplu u jsaħħu l-appoġġ tagħhom għall-beni pubbliċi globali u l-azzjoni klimatika u għall-iżvilupp sostenibbli, speċjalment matul, u wara l-kriżi tal-COVID-19. F'dan ir-rigward, inħeġġu lill-banek multilaterali tal-iżvilupp (MDBs) biex jadottaw politiki ta' investiment responsabbli u biex jeliminaw gradwalment il-finanzjament ta' proġetti li jinvolvu fjuwils fossili, b'mod partikolari dawk li jużaw fjuwils fossili solidi, b'kont meħud tal-iżvilupp sostenibbli, u l-ħtiġijiet ta' enerġija, inkluż is-sigurtà tal-enerġija, ta' pajjiżi sħab.

Il-Bank Ewropew tal-Investment huwa impenjat li jżid is-sehem tiegħu ta' finanzjament għall-azzjoni klimatika u s-sostenibbiltà ambjentali għal 50 % sal-2025 u lil hinn, bil-għan li jappoġġa, flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investment, investimenti ekoloġiċi madwar id-dinja b'valur ta' aktar minn EUR triljun matul id-deċennju 2021-2030. Aħna nħeġġu lil MDBs oħra biex jadottaw impenji simili u nħeġġu lill-pajjiżi kollha biex joħlqu ambjenti abilitanti b'saħħithom għal investimenti ekoloġiċi u sostenibbli biex tiġi ffaċilitata l-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat u fl-aħħar mill-aħħar biex il-flussi finanzjarji kollha jsiru konsistenti ma' perkors lejn emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra u żvilupp reżiljenti għat-tibdil fil-klima.
